# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.g

Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Hal Safi

Is-Seba' Legislatura

Laqgħa Numru 7/2017

13 ta' Ġunju, 2017

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40 Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola Ħal Safi, fil-5:30 pm.

Prezenti

| | |
|---|---|
| Johan Mula | Sindku |
| Francis Callus | Viċi-Sindku |
| Joanna Abdilla | Kunsilliera |
| Carlo Stivala | Kunsillier |

Assenti b'ittra ta' Apologija

| | |
|---|---|
| Pietru Pawl Busuttil | Kunsillier |

Ufficjal Prezenti

| | |
|---|---|
| Doris Baldacchino | Deputat Segretarju Ezekuttiv |

Minuti:

7.1 Qari tal-ittri ta' Apologiji

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet illi nhar it-Tnejn 4 ta' Ġunju, l-kunsillier Pietru Pawl Busuttil kien ċempel sabiex javża illi kien għadu l-isptar u għalhekk ma setax jattendi l-laqgħa. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil ġie ġew skużat mil-laqgħa.

7.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti.

7.2.1 Il-Viċi Sindku qal li rigward it-tabella Slow li hemm maċ-Ċentru (ref punt 5.4.3) li din propju mhix qed idejjaq lil ħadd u li qiegħda f'postha eżatt. Is-Sindku kkonferma illi jekk jgħidlu l-kapillan sabiex titneħħa naraw. Il-kunsillier is-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi forsi din it-tabella għandha titwaħħal ma pole u li qiegħda fil-fatt tkerrah il-faċċata ta' binja antika.

7.2.2 Is-Sindku qal rigward ref punt 6.2.2 illi kif konna ftehmna konna ressaqna l-pots il-kbar sabiex ma tkunx tista' tgħaddi vettura. Is-Sindku qal illi hekk wasal l-messaġġ għand il-persuna li kien qieghed jagħmel żbell meta jipparkja l-karozza fekn għamilna l-proġett tal-Misraħ.

Il-Kunsilliera Joanna Abdilla ħarġet mil-laqgħa fis:6.07pm.

7.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

7.3.1 Is-Sindku għarraf lil kunsilliera illi l-Airconditioner l-ġdid fis-sala weħel u li issa għalinqas kien spiċċa d-dgergir minħabba s-sħana. Huwa għarraf ukoll illi l-kamera hdejn l-ATM kienet waħlet ukoll.

Il-Kunsilliera Joanna Abdilla reġgħet daħlet il-laqgħa fis 6:09pm.

7.3.2 Is-Sindku qal ukoll li konna rċievejna l-kuntratt mingħand Transport Malta rigward l-asfaltar ta' Triq li tagħti għal Birżebbugia li għaliha Transport Malta kien tefa' l-applikazzjoni fuq Misura 4.3 għal żona rurali. Is-Sindku qal li aħna konna wieħed mit-18-il Kunsill li tefgħu l-applikazzjoni għall-istess misura.

7.3.3 Is-Sindku qal li fi Triq il-Kuċċard il-ħajt kien beda miexi sew.

7.3.4 Is-Sindku qal ukoll li hekk bħal snin oħra fix-xahar ta' Lulju konna ser nerġgħu norganizzaw il-ħarġa ta' Kemmuna. Bħala ġurnata ser tkun bejn l-24 u t-30 ta' Lulju 2017.

7.3.5 Is-Sindku qal illi kien qiegħed jikkonkludi l-attivita' tal-Bersalieri li ser ssir f'Awwissu li ġej. Huwa qal illi l-każin kienu aċċettaw illi l-grupp tal-Bersalieri jieħdu sehem waqt żmien il-festa. Is-Sindku qal ukoll illi bħala akkomodazzjoni u vjaġġ kellu sponsor minn persuna li għandu għal qalbu l-festa tar-raħal. Is-Sindku qal li illi bħala spejjeż hekk ma kienx fadal ħafna u propona illi l-Kunsill jieħu ħsieb ir-reklamar ta' din l-attivita'. Il-Kunsill qabel unanimament.

7.3.6 Is-Sindku qal ukoll illi rigward l-iskema li ħarġet mid-Dipartiment rigward attivitajiet Kulturali l-Kunsill ta' Ħal Safi għandu japlika għall-Attivita' tal-Għasel. Huwa qal illi l-għasel għandu rabta ma Ħal Safi u Ġnien Alexander Ball. Il-Kunsill qabel illi l-attivita' għandha tkun bejn l-aħħar ġimgħa ta' Mejju u l-ewwel ġimgħa ta' Ġunju.

7.3.7 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv spiegat illi f'Jannar kienet applikat għal proġett Structured Dialogue u li l-Kunsill kien rebħu. Hija spjegat illi dan kien proġett fejn żagħżagħ Maltin ser ikunu jistgħu jwasslu l-opinjoni tagħhom fuq xi tibdil li jixtiequ li jsiru fuq bażi nternazzjonali. Hija spjegat illi flimkien mal-kunsillier Joanna Abdilla l-kunsilliera responsabbli miż-żagħżagħ kienet qiegħda tiddiskuti dwar dan il-proġett.

7.4 Tweġibiet għal Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

7.4.1 Il-Viċi Sindku lminta illi reġa' għandna x-xibka tal-grawnd imqatta'. Is-Sindku kkonferma illi ser ngħidu lil ħaddiema jirranġawha. Il-Viċi Sindku qal ukoll illi hemm ħafna ħaxix il-Ħlantun u dik l-area u anka illi l-problema tal-garbage bags fi Triq iż-Żurrieq għadha għaddeja. Is-Sindku qal illi konna diġa bagħatna ittra lir-residenti fi Triq iż-Żurrieq fejn rajna l-garbage bags. Il-Viċi Sindku qal ukoll illi ż-żewġ pjanti li kien hemm fi Triq iż-Żurrieq kienu sparixxew pero' kien ikkonfermat illi dawn iż-żewġ pjanti kienu mietu u għalhekk kellhom jinqalgħu.

7.5 Extension tal-Ħatra tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv

Is-Sindku qal illi kien reġa' wasal iż-żmien sabiex nerġgħu nġeddu l-ħatra tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv għalhekk is-Sindku propona li l-kunsill għandu jġedded din il-ħatra għal 90 jum oħra. Il-Kunsill qabel unanimament.

7.6 Fuljett tal-Kunsill Awwissu 2017

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet illi kien reġa' wasal sabiex nibdew naħsbu għal ħarġa tal-fuljett ta' qabel il-festa. Hija qalet li kienet talbet kwotazzjoni u li kienu rrispondew l-Union Print biss għal prezz ta' 880 Vat eskluż. Il-Kunsill qabel illi għandna nerġgħu nużaw is-servizz tal-Union Print.

7.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskda ta' Pagamenti.

Il-pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

Il-Kunsillier s-Sur Carlo Stivala ħareġ mill-laqgħa 7.12pm u ġie skużat.

7.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa ntemmet fis-7:15pm. Laqgħa li jmiss ser tkun it-Tlieta 11 ta' Lulju 2017 fil-5:30 pm.

| | |
|---|---|
| Johan Mula<br>Sindku | Doris Baldacchino<br>Deputat Segretarju Eżekuttiv |